Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,222, 28 ta' Ġunju, 2019

Taqsima B

A.L. 140 tal-2019

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Emenda Nru 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 499.56.

Jemenda regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

2. Ir-regolament 9 tar-regolamenti principali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu:

(i) is-subparagrafi (iii) u (iv) tal-paragrafu (a), għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subparagrafi (iv) u (v) u minnufih wara s-subparagrafu (ii) għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(iii) fl-artikoli 40A, 40B, 120A, u 120B tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha."; Kap. 31.

(ii) minnufih wara l-paragrafu (ċ), qabel il-proviso tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta:"; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minnufih wara l-paragrafu (d) għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) sentenza għat-twettiq ta' reat ta' pussess għall-użu esklussiv imsemmija fis-subparagrafi (iii) u (iv) tas-

subregolament (1)(a), liema sentenza tkun ingħatat mill-anqas tlett snin qabel id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni ġdida jew applikazzjoni għat-tiġdid ta' *tag*, fejn l-applikant ikun ir-riabilita ruħu u ma kellux sentenza oħra matul dawn it-tlett snin.".